# ĦERBA

*Ta'* OLIVER FRIGGIERI

*Lir-rev.du Victor Zammit McKeon*
*li jaf x'nebbaħni nikteb dawn il-versi.*

Għaddejja. Il-pass ftit tqil. Il-mixja għajjiena.
Għajnejha jiġru 'l hawn u 'l hinn f'tellieqa
ifittxu... u jħammru bid-demgħat li jinżlu
sal-ħofor ta' ħaddejha. L-wiċċ ma jisraq
u jħoll qalb ħadd. Laħamha, lewn ix-xemgħa,
tilef il-ġmiel u l-milja tal-imgħoddi.
Xufftejha ma jafux il-lewn tal-qrolla
li jafu tal-oħrajn. L-ilbies ta' fuqha
bla fasla ma jiġbidx għajnejn.

Għaddejja......

Tarbija qed titbandal fuq dirgħajha
u tħaddan għonqha. Żewġt itfal li f'wiċċhom
jinqara l-ġuħ u fil-kisriet t'għajnejhom
l-għatx tal-imħabba tat-tfulija, miexja
bla jafu fejn se jaslu, u b'idejhom
iġebbdu d-djul ta' min wellidhom.

Għala

uċuħ l-ulied u wiċċha, sa mill-bidu
u sa min-nofs mixjet il-ħajja, tgħajbu
bid-dell tal-ġuħ u l-kruha? Għaliex il-faqar
fis-seklu tal-progress? Għaliex il-kesħa
tad-dnub webbset is-sħana tal-imħabba?
Għaliex l-ulied li b'tama jfittxu id oħra
ma jsibu xejn ħlief tarf id-djul ta' ommhom?

Jien naf għaliex. Il-bieraħ żewġt iġmamar
ħammru sabiħ f'ħuġġieġa. Minnhom tnisslu
ġamriet oħrajn. 'Mma f'daqqa l-ġamra l-kbira
taret 'il bogħod f'nar ieħor......

Qajla qajla

l-ħuġġieġa qiegħda tnin. Dalwaqt il-ħmura
tiswied u n-nar jintefa. In-nifs qed jonqos
**u mbagħad ma jibqa' xejn...... Irmied u ħerba......**

ROYAL UNIVERSITY OF MALTA MAIN LIBRARY